Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 33/2008/1

**Carmelo *sive* Charles u Josephine konjugi Massa**

**v.**

**Id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali u Thomas Ebejer**
**u b'digriet tad-9 ta' Frar 2010 l-atti tal-kawza**
**minn fuq isem id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali**
**gew trasfuzi f'isem l-Awtorita` tad-Djar**

Il-Qorti:

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell tal-Awtorita` tad-Djar (gia` Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali) minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-27 ta' Ottubru 2011 li wiegbet ghar-referenza kostituzzjonali li saritilha billi:

"tiddikjara li l-ordni ta' rikwizizzjoni tal-fond 51, Mdina Road, Naxxar li saret permezz ta' Ordni ta' Rikwizizzjoni Numru R.O. 22312 datata 10 ta' Gunju 1980 vjolat id-drittijiet fondamentali tal atturi/rikorrenti … u dan ghaliex tali ordni kisret id-dritt fundamentali tar-rikorrenti sancit fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea[1] u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta… senjatament ghaliex ma nzammx il-bilanc gust *(fair balance)* bejn l-interess generali tal-komunita` u l-harsien tad-dritt ta' proprjeta`.

"tordna lill-Awtorita` tad-Djar sabiex thallas lir-rikorrenti odjerni Carmel u Josephine Massa l-ammont hawn likwidat minn din il-Qorti ta' tnejn u ghoxrin elf ewro (€22,000) bhala kumpens ghall-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali li garrbu.

"Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sal effettiv pagement u bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura kontra l-Awtorita` tad-Djar."

2. Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tannetti kopja tas-sentenza tal-Ewwel Qorti bhala Appendici 'A'.

**<u>Rikors tal-Appell tal-Awtorita` tad-Djar</u>**

3. L-Awtorita` appellanti hassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u interponiet appell minnha quddiem din il-Qorti sabiex tirriforma u temenda s-sentenza appellata fis-sens li fil-waqt li zzomm ferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti cahdet it-talbiet l-ohrajn tar-rikorrenti, tbiddel l-ammont koncess mill-Ewwel Qorti ghal

[1] A1P1

ammont sostanzjalment anqas li jkun jirrifletti r-rikonoxximent adegwat tal-lezjoni misjuba mill-istess Qorti.

4. L-aggravju ewlieni tal-Awtorita` appellanti ghalhekk jirrigwarda biss l-ammont ta' kumpens li l-Ewwel Qorti akkordat ghal-lezjoni misjuba liema ammont l-appellanti tikkunsdira bhala wiehed eccessiv.

**Risposta tal-appellati Carmel u Josephine konjugi Massa.**

5. L-appellati pprezentaw ir-risposta taghhom li in forza taghha talbu li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**Fatti mertu tal-kawza**

6. Ghal dak li huwa sfond tal-fatti in kawza, din il-Qorti taghmel riferenza ghar-rassenja tal-fatti maghmula tajjeb mill-Qorti tal-ewwel grad fis-sentenza taghha, u dan a skans ta' ripetizzjonijiet inutili, liema sentenza giet annessa bhala appendici ma' din is-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Illi kienet saret referenza kostituzzjonali lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili [2] (mill-istess Qorti) sabiex jigi stabbilit jekk l-ordni ta' rekwizizzjoni tal-fond 51, Mdina Road, Naxxar, li saret fl-10 ta' Gunju 1980, inkluz l-effetti kontinwati tal-istess ordni sarux bi ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

[2] Proprjament skont l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ma kellhiex issir referenza lill-Prim Awla tal-Qorti Civili kif saret billi dik il-Qorti ghandha gurisdizzjoni originali. Skont dak l-artikolu referenza ssir lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fi proceduri f'xi qorti li **ma tkunx il-Prim' Awla tal-Qorti Civili** jew il-Qorti Kostituzzjonali. F'dak il-kaz l-Ewwel Qorti kellha tiehu konjizzjoni tal-kwistjoni kostituzzjonali mqajjma quddiemha billi tassumi l-gurisdizzjoni kostituzzjonali minghajr htiega ta' referenza. Ara Q. Kost. A. Spiteri v Kummissarju tal-Pulizija et, 16/4/1999; Q. Kost. John Spiteri v Denise Camilleri, 3/12/2010

8. L-ewwel Qorti wiegbet fl-affermattiv.

9. Illi mir-rikors tal-appell tal-Awtorita` tad-Djar jirrizulta li l-uniku aggravju taghha huwa dwar l-ammont ta' kumpens likwidat mill-Ewwel Qorti ghall-ksur ta' A1P1[3] u l-Art.37 tal-Kostituzzjoni.

10. L-Awtorita` m'appellatx mil-lezjoni misjuba per se. L-appellanti ghalhekk qed taqbel li r-rekwizzjoni saret skont il-ligi, li kellha ghan legittimu, u li biex intlahaq dan l-ghan ma nzammx bilanc gust (fair balance) bejn l-interess generali tal-kommunita` u l-harsien tad-dritt ta' proprjeta` tal-appellati.

11. L-appellanti pero` qed tappella billi hija ma taqbilx mal-parametri kif impostati mill-Ewwel Qorti ghar-rigward tal-likwidazzjoni tal-kumpens - ghalkemm fl-istess hin ma tghidx liema kellhom ikunu dawk il-parametri li skont hi kellhom jigu segwiti u kemm kellu jkun kumpens gust.

12. Ghandu jigi rilevat li bhala regola meta ssir riferenza ta' kwistjoni kostituzzjonali kif previst fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni l-funzjoni tal-Qorti li lilha ssir ir-riferenza hija arginata bit-termini tar-riferenza u ghalhekk dik il-Qorti ghandha tillimita ruhha filli twiegeb ghall-kweziti riferuti lilha. Il-kwezit riferut lill-ewwel Qorti kien limitat sabiex jigi determinat jekk l-ordni ta' rekwizizzjoni tal-fond 51, Mdina Road, Naxxar permezz tar-Requisition Order tal-10 ta' Gunju 1980 (R.O. 22312) u l-effetti kontinwati tal-istess ordni, humiex bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. L-ewwel Qorti kellha twiegeb ghal dak il-kwezit u tieqaf hemm. Minflok marret oltre u ssoktat taghti rimedju li ma kienx parti mill-kweziti riferuti lilha billi ghaddiet sabiex tillikwida u tordna l-pagament ta' kumpens pekunjarju favur Carmelo sive Charles u Josephine konjugi Massa meta dawn ma kienux il-partijiet riferenti peress li r-riferenza hi tal-Qorti li ghamlitha. Bdanakollu ma sar ebda appell minn dan l-aspett tas-sentenza appellata peress li l-

---

[3] L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.

appell huwa limitat ghall-ammont likwidat u mhux dwar jekk l-ewwel Qorti setghetx taghti tali rimedju u setghetx taghmel tali likwidazzjoni.

13. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm l-ewwel Qorti illikwidat il-kumpens dovut *arbitrio boni viri,* madankollu hija semmiet id-diversi fatturi, kemm favur kif ukoll kontra, li hija hadet in konsiderazzjoni qabel ghaddiet biex tillikwida l-kumpens. Dawn jinsabu riportati fis-sentenza fl-ahhar paragrafu qabel il-KONKLUZJONI u din il-Qorti m'hijiex se tirrepetihom izda qed taghmel referenza ghalihom hawnhekk.

14. Il-Qorti tista' tillikwida kumpens *arbitrio boni viri* imbasta thares b'reqqa l-elementi kollha li johorgu mill-atti tal-kawza u tifforma l-fehma taghha fuq motivazzjoni logika li taghti hjiel xieraq ta' kif hi tkun waslet ghal dik il-likwidazzjoni.[4]

15. L-appellanti tissottometti li hija agixxiet fil-parametri tal-ligi u l-ghan li segwiet kien wiehed legittimu sabiex tikkontrolla l-uzu tal-proprjeta` skont l-interessi generali tal-pajjiz.

16. Din is-sottomissjoni fil-fatt giet accettata mill-Ewwel Qorti u effettivament qisitha bhala wahda mill-fatturi li kellha tiehu in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tal-kumpens.

17. Kif tikteb Karen Reid, "In cases of interference with property rights, however, a distinction is drawn between cases of lawful and unlawful deprivation or dispossession. Where the breach results form inadequate compensation or procedural flaws, less than a full measure of compensation may be called for, particularly where the taking of property is linked to fundamental changes in the constitution or pursues economic reform and social justice**.** In such cases, the Court may consider it appropriate to fix a sum "reasonably related" to the value

[4] "S.M.W. Cortis Ltd v. Grima", deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Novembru, 2006

of the property and which would have been found acceptable had the State compensated the applicants, or otherwise find an appropriate, equitable basis for compensation[5].

18. Kien appuntu minhabba ragunijiet ta' *social justice* fi kwistjonijiet ta' *housing* li l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha llikwidat kumpens f'ammont inqas mill-valur tas-suq.

19. L-appellanti tilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti rriduciet kawza kostituzzjonali ghal wahda ta' danni u hadet in konsiderazzjoni l-valur kummercjali tal-fond biex tistabillixxi l-ammont ta' kumpens dovut.

20. Fil-fatt mhux hekk gara. L-Ewwel Qorti qabel illikwidat l-ammont dovut lill-appellat ippremettiet li l-kumpens li hija kienet ser tordna kien kumpens ghall-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali riskontrat mill-Qorti u mhux ghad-danni li sofra l-appellat bir-rekwizzjoni tal-proprjeta` tieghu.

21. Fil-fehma ta' din il-Qorti, biex jigi likwidat l-ammont xieraq bhala rimedju ghal-lezjoni, il-Qorti ghandha jkollha xi indikazzjoni dwar il-valur kummercjali tal-proprjeta` almenu biex tara x'piz ser ikollu jgorr is-sid mat-tehid jew kontroll tal-proprjeta` tieghu fl-interess generali u jekk dan il-piz kienx ser ikun ghalih *an excessive burden*. Jigi rilevat li ghalkemm l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li rrelata l-perit Mario Cassar li gie nominat minnha biex jirrelata dwar il-valur lokatizzju u l-valur tal-proprjeta` in kwistjoni, hija xorta wahda ma bbazatax il-kumpens fuq il-valur stabbilit minnu fir-relazzjoni imma fuq valur anqas minn dak tas-suq. Fil-fatt l-ammont likwidat ma jkoprix il-kera li seta' jdahhal is-sid ghal dawn l-ahhar tlettax-il sena kieku huwa kera l-post skont il-valur lokatizzju stabbilit mill-perit.

---

[5] A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights, Karen Reid 3rd Edition fol. 606.

22. Kif jghidu l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick, fil-ktieb Law of the European Convention on Human Rights, Second Edition page 860 "In deciding how much to award, the Court will follow a number of steps. First, it will decide whether *restitutio in integrum* is possible. In property cases, it will then consider whether the parties can agree on the value of the property. If they cannot agree the Court may place the valuation in the hands of an independent expert and then, basing itself on the expert's report, award pecuniary damages on the usual equitable basis".

23. F'dan il-kaz l-Ewwel Qorti hekk ghamlet.

24. Jibda biex jinghad li la l-Kostituzzjoni u lanqas il-Konvenzjoni ma jimponu sallum xi limitu (preskrizzjoni) fir-rigward ta' azzjonijiet biex jirrivindikaw drittijiet fundamentali. Din il-Qorti, izda, rrikonoxxiet li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet meta l-inattivita' tal-persuna li l-proprjeta' taghha tkun giet dikjarata li hija mehtiega ghal skop pubbliku, tista' tittiehed in konsiderazzjoni biex wiehed jara jekk dik il-persuna kellhiex mezz xieraq ta' rimedju (u dan biex il-Qorti tkun tista tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha).[6]

25. Fil-kaz in ezami l-appellat qatt ma akkwijexxa ghat-tehid tal-proprjeta` da parti tal-appellanti. Fil-fatt huwa m'accetta l-ebda kera la minghand l-inkwilin u lanqas minghand l-Awtorita`. Imma anke kieku kien hemm accettazzjoni ta' xi kera jew is-sid gie mgieghel jirrikonoxxi l-inkwilin ma jfissirx b'daqshekk li huwa ma setax ifittex biex jivvindika d-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tieghu. Anzi l-appellati kienu talbu lura l-fond meta dan kien tbattal izda minflok l-Awtortita` tatu lill-haddiehor. L-appellat ma agixxiex qabel l-1999 billi dak iz-zmien ma kienx ghadu prorpjetarju shih tal-fond in kwisjtoni.

26. Jirrizulta ghalhekk li fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti qieset korrettement l-fatturi kollha kemm favur kif

[6] QK. AIC J. Barbara et v. Onor Prim Ministru. 7 ta' Ottubru 1997. Ara Qorti Kost. Farrugia v Kummissarju tal-Artijiet, 25 ta' April 2008; Qorti Kost. Av. Dr. David Tonna pro et noe. et. 3 ta' Marzu 2011.

ukoll kontra meta llikwidat il-kumpens dovut lill-appellati. Min-naha wahda hadet in konsiderazzjoni l-fatt li r-rekwizzjoni kienet legali u harget ghal ghan legittimu, li l-appellati baqghu sidien tal-post u li l-ligi kienet qed tipprovdi ghal xi tip ta' kumpens, kif ukoll li fil-post saru miljoramenti mill-inkwilin li jistghu jitgawdew mill-appellati. Min-naha l-post ilu kolpit bir-rekwizzjoni mill-1980 u fejn jikkoncerna lill-appellati mill- 1999; li l-kumpens hu wiehed baxx komparat mal-valur lokatizzju u l-valur tal-proprjeta` skont il-valur stabbiliti mill-perit nominat; it-tul taz-zmien tal-okkupazzjoni minn inkwilini diversi u l-fatt li l-appellat mhux ser jircievi l-valur tas-suq.

27. Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk l-ammont ta' kumpens li gie likwidat mill-Ewwel Qorti, sostanzjalment huwa wiehed gust meta abbinat mal-fatturi li hija hadet in konsiderazzjoni.

**<u>Decide</u>**

28. Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza appellata u tichad l-appell tal-Awtorita` bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------